# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 12**

**Rikors numru 775/08/2 SM**

**Geoffrey Tanti**

**v.**

**Panta Contracting Limited (C-15725) u Golden Sands Resort Limited (C-30569)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat ta' Geoffrey Tanti tal-31 ta' Lulju, 2008, li permezz tieghu nghad:

"1. Illi fid-29 ta' Settembru, 2005 l-attur gie ordnat mill-employer tieghu, cioe` s-socjeta` konvenuta *Panta Contracting Limited*, sabiex imur iwettaq xi xogholijiet gewwa l-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta *Golden Sands Resort Limited;*

“2. Illi l-attur hekk ghamel u waqt it-twettieq tal-mansjonijiet lavorattivi tieghu fl-imsemmija ambjenti tas-socjeta` konvenuta *Golden Sands Resort Limited*, l-attur kien involut f’incident, ossia hu waqa’ minn fuq sellum, bil-konsegwenza li garrab dannu f’persuntu, u dan hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt l-andament tal-kawza;

“3. Illi l-imsemmi incident sehh unikament minhabba non-kuranza, minhabba imprudenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tad-debiti kawteli u regolamenti da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, stante li ma hadux hsieb li ma tigix arrekata hsara lis-sahha ta’ l-attur u sabiex tigi dejjem assikurata l-inkolumita` fizika ta’ l-istess, senjatament-

“(a) is-socjeta` konvenuta *Panta Contracting Limited* – bhala l-*employer* ta’ l-attur – kienet non-kuranti u traskurat d-doveri legali taghha fil-konfront ta’ l-impjegat taghha l-attur; u/jew

“(b) is-socjeta` konvenuta *Golden Sands Resort Limited* – bhala dik l-entita` proprjetarja ta’ l-ambjenti fejn sehh l-incident – kienet wkoll non-kuranti u traskurata fid-dover taghha li toffri ambjenti nieqsa minn perikoli ghal min ikun jinsab fihom;

“4. Illi b’konsegwenza ta’ dan l-imsemmi incident, l-attur soffra danni ta’ natura kemm materjali u attwali (*damnum emergens*) u kemm danni ghal dak li jirrigwarda qligh futur (*lucrum cessans*);

“5. Illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghal dan is-sinistru u ghar-rizultanti danni sofferti hekk kif appena deskritt;

“6. Illi ghalkemm is-socjetajiet konvenuti, rispettivament, gew interpellati jersqu ghall-assunzjoni ta’ responsabbilita` ghall-akkadut fuq imsemmi u ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, huma baqghu inadempjenti u per konsegwenza kellha ssir din l-odjerna kawza.

“**<u>Talbiet</u>**

“Jghidu ghalhekk is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

(i) “Tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident li sehh fid-29 ta’ Settembru, 2005 waqt li l-attur, impjegat mas-socjeta` konvenuta *Panta Contracting Limited*, filwaqt ta’ l-izvolgiment tal-mansjonijiet lavorattivi tieghu fl-istabbilimenti u/jew ambjenti tas-socjeta` konvenuta l-ohra *Golden Sands Resort Limited*, meta l-istess attur waqa’ u wegga, u liema incident sehh unikament minhabba non-kuranza, minhabba imprudenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tad-debiti kawteli u regolamenti da parti ta’ l-imsemmija socjetajiet konvenuti, jew min minnhom,

u dan ghax dawn naqqsu, rispettivament, fl-obbligi taghhom li jissorveljaw u/jew jizguraw u/jew jipprotegu kontra perikoli u sinistri u, aktar, tali ma hadux dawk il-mizuri prekawzjonali idoneji sabiex tigi dejjem assikurata l-inkolumita` fizika ta' dawk il-persuni, *qua* impjegati li qed iwettqu xoghol ghan-nom taghhom u/jew ghalihom;

(ii) "Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, b'rizultat ta' dan l-incident fuq deskritt u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

(iii) "Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, jew minn minnhom, ihallsu lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali numru 186/08 datata 16 ta' Jannar, 2008 u 591/07 datata 21 ta' Frar, 2007 u 3140/07 datata 16 ta' Awwissu, 2007 u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ewwel menzjonata ittra ufficjali kontra s-socjetajiet konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà konvenuta Panta Contracting Limited tas-27 ta' Ottubru, 2008, li permezz taghha eccepiet:

"1. L-ewwel talba tal-attur kif dedotta kontra s-socjeta` Panta Contracting Limited ghandha tkun michuda stante li l-incident de quo ma garax tort tal-istess socjeta` konvenuta Panta Contracting Limited ghaliex min-naha taghha hija ottemperat ruhha mal-obbligu taghha li fit-termini stabbiliti mil-ligi thares is-sahha u s-sigurta` tal-impjegati taghha fosthom l-attur.

"2. It-tieni talba tal-attur kif dedotta kontra s-socjeta` Panta Contracting Limited ghandha tkun respinta wkoll billi fil-kaz tal-istess Panta Contracting Limited ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

"3. Fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghall-premess, jispetta lill-attur li jaghmel il-prova tad-danni inkluz il-prova li l-kondizzjoni medika prezenti tieghu hija kollha kemmi hi rizultat tal-korriment tieghu. Id-Dok GF esebit mill-attur huwa certifikat *ex parte* rilaxxjat mill-konsulent mediku tal-attur aktar minn sentejn u nofs ilu. Ghaldaqstant sabiex tkun accertata l-qaghda attwali ta' sahha tal-attur in relazzjoni mal-korriment tieghu fl-incident de quo, huwa necessarju li ssir il-hatra ta' espert mediku minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrelata *inter alia* dwar jekk illum, aktar minn tliet snin wara l-incident, l-attur ghandux debilita` permanenti konsegwenza tal-incident de quo.

"4. Anke t-tielet talba kif dedotta kontra s-socjeta` Panta Contracting Limited ghandha tkun rigettata stante li s-socjeta` Panta Contracting Limited m'ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-attur.

"5. Is-socjeta` Panta Contracting Limited m'ghandhiex tbati spejjes.

"6. Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-attur dwar il-hlas tal-imghax kif dedotta ghandha tkun respinta stante li d-danni li l-attur qed jitlob il-hlas taghhom mhumiex likwidati u ghaldaqstant imghax jekk dovut ma jistax jiddekorri skond il-ligi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali indikata mill-attur izda se mai mid-data tas-sentenza.

"7. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."

3. Rat ir-risposta guramentata ta' Golden Sands Resort Limited tal-14 ta' Novembru, 2008, li permezz taghha eccepiet:

"1. Illi fil-mument ta' l-incident l-attur kien impjegat mal-kumpanija konvenuta l-ohra Panta Contracting Ltd;

"2. Illi l-eccipjenti mhix responsabbli ghall-incident u d-danni allegati mill-attur;

"3. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur jehtieglu jipprova d-danni minnu reklamati stante li l-istess huma kontestati;

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Novembru, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi, irrespingiet it-talbiet kollha tal-attur u akkoljiet ir-risposti rispettivi tas-socjetajiet konvenuti, bl-ispejjez kontra l-attur.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"11.0. Illi l-fatti rizultanti mill-istess jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"11.1. Illi r-rikorrenti kien impjegat bhala project planning coordinator mas-socjeta` intimata Panta Contracting Limited, (ara foll 49);

"11.2. Illi fid-29 ta' Settembru, 2005, kien ordnat imur fis-sit tas-socjeta` intimata Golden Sands Resort Limited biex tigi ezaminata sistema li kienet ghada kif giet stallata, (ara foll 49);

"11.3. Illi x-xoghol li r-rikorrenti kien mar jaghmel kien isir minnu wahdu ghalkemm kien assistit min impjegat tal-lukanda de quo f'kaz li fil-kmamar ikun hemm xi residenti, (ara foll 50);

"11.4. Illi meta l-istess rikorrenti kien fuq sellum jaffettwa xi ezamijiet fis-sistema tal-kmamar, dan is-sellum infetah f'daqqa wahda u r-rikorrenti waqa` ma' l-art ghal wiccu u fuq idejh, (ara foll 50);

"11.5. Illi s-sellum li intuza kien wiehed tas-socjeta` intimata Golden Sands Resort Limited, (ara foll 50);

"11.6. Illi l-istess sellum:

"11.6.1. Kien ta' l-aluminju;
"11.6.2. Kien ta' hames (5) skaluni;
"11.6.3. L-iskaluna ta' fuq tieghu kienet tinghalaq biex isservi ta' pjattaforma;
"11.6.4. Illi ghalkemm kien jidher uzat, ma kienx wiehed antik hafna;
"11.6.5. Illi mill-apparenza kien jidher li jiflah ghax-xoghol li kellu jsir f'din l-okkazzjoni;

"11.7. Illi wara l-waqa` r-rikorrenti tah sturdament (ara foll 51);

"11.8. Illi wara li gie assistit minn impjegati responsabbli mill-ewwel ghajnuna r-rikorrenti ttiehed l-isptar, (ara foll 51);

"11.9. Illi minn ezami mediku preliminari irrizulta li r-rikorrenti kien kiser idejh il-leminija, (ara foll 51);

"11.10. Illi r-rikorrenti gie mizmum l-isptar u gie operat l-ghada filghodu, (ara foll 51);

"11.11. Illi l-incident de quo effettwa lir-rikorrenti negattivament billi: (ara foll 51)

"11.11.1. Ma jistax juza idejh il-leminija bhal qabel;

"11.11.2. Illi jbaghti minn tingiz u wgiegh;

"11.11.3. Illi l-istess incident effettwalu l-passa tempi li kien jipprattika;

"Ikkunsidrat:

"12.0. Illi rigward is-sellum in dizamina jirrizulta s-segwenti: (ara foll 150)

"12.1. Illi dan hu sellum li jintuza mill-haddiema u cleaners tas-socjeta` intimata Golden Sands Resort Limited;

"12.2. Illi l-istess sellum intuza biex jigu ezaminati hamest (5) ikmamar ohra qabel, (ara foll 150);

"12.3. Illi s-sellum in dizamina kien mar igibu r-rikorrenti stess mill-kuritur fejn kien, (ara foll 151);

"12.4. Illi kien l-istess rikorrenti li kien fetah l-istess sellum, (ara foll 151);

"12.5. Illi fil-hin ta' l-incident is-sellun kien fuq art lixxa; (ara foll 152);

"12.6. Illi wara li r-rikorrenti kien tela` fuq is-sellum, u meta dan kien miftuh forci, "... f'daqqa minnhom infetah", (ara foll 152);

"12.7. Illi meta s-sellum infetah, iz-zewg nahat tieghu spiccaw dritti, (ara fol 152);

"12.8. Illi skont Mario Aquilina li fil-mument ta' l-incident jirrizulta li kien hdejn ir-rikorrenti jassistih fil-ftuh tal-kmamar tal-lukanda de quo dan isostni li nnota li c-cappetti tas-sellum tqacctu mir-rivits u ghalhekk infetah, (ara foll 152);

"12.9. Illi s-sellum kien ilu mixtri mill-2005, (ara foll 153);

"Ikkunsidrat:

"13.0. Illi minn analisi tas-suespost jista` sintetikament jigi karpit is-segwenti:

"13.1. Illi r-rikorrenti mar biex jeffettwa xi ezamijiet necessarji fil-lukanda in dizamina;

“13.2. Illi biex ikun jista jeffettwa dawn l-ezamiijiet kien hemm il-htiega li jkun assistit minn xi impjegat tal-lukanda fejn kien, biex dan jassiguralu l-access ghall-kmamar fejn kien ikollu bzonn jidhol;

“13.3. Illi biex jeffettwa dawn ix-xogholijiet ir-rikorrenti ghazel li ma jmurx munit bl-ghodod kollha necessarji, liema ghodod kienu regolarament messi ghad-disposizzjoni tieghu mis-socjeta` intimata li maghha kien impjegat, (ara foll 129);

“13.4. Illi jirrizulta li kien biss l-istess rikorrenti li f’decizjoni istantanja fil-mument, ghazel li jmur jezegwixxi x-xogholijiet in dizamina minghajr dan l-apparat adegwat lilhu debitament provdut;

“13.5. Illi di piu`, jirrizulta wkoll li kien l-istess rikorrenti li ha d-decizjoni li jiehu s-sellum in dizamina u wkoll li juzah minghajr ma jkollu assistent mieghu fil-parti t’isfel ta’ l-istess, meta hu jkun fuqhu biex jigi evitat dak li effettivament gara;

“13.6. Illi l-assistent li kellu fil-mument tal-incident ma kienx addett ma l-istess sellum izda kien biss responsabbli biex jiftah il-kmamar tal-lukanda biex ir-rikorrenti jkollu access ghall-istess u jkun jista` jahdem;

“Ikkunsidrat:

“14.0. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li s-socjetajiet intimati huma estranei ghas-sitwazzjoni in dizamina, u dan billi:

“14.1. Is-socjeta` intimata Panta Contracting Limited jirrizulta li debitament ipprovdiet l-ghodod kollha necessarji biex ir-rikorrenti seta` jahdem b’inkolumita` f’ambjent sigur;

u

“14.2. Is-socjeta` intimata Golden Sands Resorts Limited jirrizulta li ma tinkwadrax fl-ambitu ta’ l-istess ghaliex kien l-istess rikorrenti li kien iddecieda li juza s-sellum in dizamina minn jeddu;

“15.0. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-kawza prossima ta’ l-incident in dizamina kien l-istess rikorrenti meta ddecieda wahdu li:

“15.1. Imur jeffettwa l-ezamijiet de quo minghajr l-ghodod ipprovduti lilhu;

“15.2. Juza sellum komuni li l-uzu tieghu ma rrizultax li kien konsiljabbli f’dan il-kaz stante li jirrizulta li hu aktar intiz ghall-uzu domestiku, (ara foll 50);

“Ikkunsidrat:

> "16. Illi di piu`, jirrizulta assodat li r-rikorrenti kien ukoll jaf li s-socjeta` li maghha kien impjegat kellha ufficcju jew stores fl-istess lukanda minn fejn hu seta` jgib sellum ahjar u adegwat ghall-uzu intenzjonat in dizamina;
>
> "17. Illi nonostante din il-facilita`, r-rikorrenti xorta ghazel li ghall-kumdita` tieghu, ma jmurx igib sellum adegwat u juza minflok dak li nstab fil-vicinanzi;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "18. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li effettivament ir-responsabbilita` ghall-incident in dizamina hi kompletament fuq ir-rikorrenti;
>
> "19.0. Illi ghaldaqstant, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi…"

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Geoffrey Tanti, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet minnu premessi talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-appell tieghu u tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tieghu billi tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tillikwida d-danni sofferti mill-appellanti u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati lill-appellanti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

7. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà Panta Contracting Limited, li permezz taghha ssottomettiet li l-appell odjern ghandu jigi michud u li s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Novembru, 2015, ghandha tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

8. Rat ir-risposta tal-appell ta' Golden Sands Resort Limited, li permezz taghha talbet li l-appell intavolat mill-attur ghandu jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

9. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami;

10. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti:

Ikkonsidrat:

11. L-attur impjegat bhala *project planning coordinator* mas-socjeta` konvenuta Panta Contracting Limited, kellu incident fuq il-lant tax-xoghol, meta waqt li fid-29 ta' Settembru, 2005, kien qieghed jahdem fil-lukanda proprjetà tal-konvenuta l-ohra, Golden Sands Resort Limited, is-sellum li kien qieghed fuqu ceda bih u nfetah kompletament, bil-konsegwenza li waqa' ghal wiccu u gie fuq idu l-leminija, wegga' u sofra dizabilita` permanenti. L-attur jilmenta minn diversi nuqqasijiet fl-operat tas-socjeta` konvenuta Panta Contracting Limited li kienet non-kuranti u traskurata fid-doveri taghha fil-konfront tieghu, bhala l-impjegat taghha u fil-konfront tas-socjetà Golden Sands Resort Limited, bhala l-proprjetarja ta' l-

ambjenti fejn sehh l-incident, li kienet ukoll non-kuranti u traskurata fid-doveri taghha li toffri ambjenti nieqsa minn perikoli ghal min jinsab fihom.

12. Is-socjetà konvenuta Panta Contracting Limited eccepiet li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li l-incident ma garax tort taghha stante li hija ottemprat ruhha mal-obbligu taghha fit-termini stabbilit mil-ligi li thares is-sahha u s-sigurtà tal-impjegati taghha, kwindi t-tieni talba attrici wkoll ghandha tigi respinta billi m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz, jispetta lill-attur jipprova d-danni mgarrba minnu u li l-kondizzjoni medika prezenti tieghu hija rizultat tal-korriment tieghu. It-tielet talba attrici wkoll ghandha tigi michuda fil-konfront taghha stante li m'ghandhiex tigi kkundannata thallas id-danni lill-attur u m'ghandhiex tbati spejjez. Hekk ukoll it-talba attrici ghall-hlas tal-imghax ghandha tigi respinta stante li l-attur qieghed jitlob hlas li ghadu lanqas biss gie likwidat.

13. Is-socjetà konvenuta Golden Sands Resort Limited irrespingiet it-talbiet attrici billi rrilevat li fil-mument tal-incident, l-attur kien impjegat mill-konvenuta Panta Contracting Limited u hija mhix responsabbli ghall-incident u d-danni allegati mill-attur. Fi kwalsiasi kaz, l-attur jehtieglu li jipprova d-danni minnu reklamati stante li l-istess huma kkontestati. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.

14. L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici u laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti peress li rriteniet li r-responsabbiltà ghall-incident in kwistjoni hija kompletament fuq ir-rikorrenti u ghalhekk ma qisitx li l-istess attur ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi.

15. L-attur hassu aggravat bl-imsemmija sentenza tal-ewwel Qorti, in kwantu jsostni li ma setghet qatt issib li l-kawza prossima tal-incident kien l-agir tieghu. Jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li taw lok ghall-incident. Dan jinghad minnu peress li x-xoghol li kien qieghed jaghmel ma kienx xi wiehed li jinvolvi xi ghodod specjali jew partikolari. L-uzu tas-sellum ma kienx daqstant specjali li kien hemm bzonn ta' xi sellum partikolari, peress li kull ma kien qieghed jaghmel huwa li jitla' fuqu, jiccekkja jekk l-apparat elettroniku installat fil-lukanda in kwistjoni kienx qieghed jahdem bl-uzu ta' ghodod elettronici u wara jinzel minn fuq is-sellum. Ma kienx qieghed jaghmel uzu differenti minn dak li normalment isir minn sellum, tant li huwa kien ilu juza dak is-sellum matul il-gurnata kollha qabel ma sehh l-incident u ma gralu xejn. Jishaq li fl-ebda mument ma gie mgharraf li s-sellum in kwistjoni ma kienx tajjeb ghax-xoghol li kien qieghed jaghmel. In kwantu ghall-kunflitt ta' verzjonijiet moghtija minnu li s-sellum gie pprovdut minn Mario Aquilina (impjegat tal-lukanda), u l-istess Aquilina li jghid li s-sellum gabu l-istess appellanti, l-ewwel Qorti zbaljat meta ghazlet li temmen lil Aquilina in kwantu huwa kien qieghed jahdem fi proprjetà ta' terzi u ma kien ikollu l-

ebda dritt juza s-sellum jekk mhux bil-permess tieghu u ghalhekk fuq bilanc ta' probabiltajiet kienet aktar taghmel sens li Aquilina gab is-sellum lil Tanti. Kwindi jinsisti li mill-assjem tal-provi l-arbitru (recte l-Qorti) kellha tikkonkludi li ghall-incident mertu ta' dan il-kaz kienu responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.

16. Is-socjetà appellata Panta Contracting Limited twiegeb li l-uniku aggravju mressaq mill-attur m'huwa xejn ghajr tentattiv sabiex jinfetah mill-gdid il-mertu tal-kawza li gie trattat mill-ewwel Qorti u li din il-Qorti, bhala wahda ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti, sakemm mhux ghal ragunijiet manifestament plawsibbli u gravi. In kwantu ghall-mertu tar-responsabbiltà ghall-akkadut, is-socjetà appellata ssostni li l-konsiderazzjoniijiet u l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti huma ncensurabbli u l-motivi u r-ragunament huma ekwi, leciti u gusti. Filwaqt li tishaq li l-kondotta ta' kull persuna trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u diligenza ta' *bonus paterfamilias,* tirreferi wkoll ghall-principju legali li kulhadd ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. Hija ssostni li filwaqt li min ihaddem ghandu grad gholi ta' responsabbiltà, dan ma jehlisx lil min jahdem mill-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu. Haddiem ghandu joqghod lura milli jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih ghar-riskju bla bzonn u ghandu f'kull hin joqghod attent ghal dak li jkun qieghed jaghmel. Hija tirrileva li l-appellant kien ilu mpjegat maghha ghal madwar tmintax-il sena u kien

inghata tahrig mill-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol dwar dan il-lant tax-xoghol partikolari. Inoltre fuq is-sit kien hemm supervizjoni minn tliet *site managers,* zewg *foremen,* kif ukoll *supervisors u charge hands* ohrajn. Barra minn hekk, l-impjegati nghataw it-taghmir protettiv mehtieg mis-socjetà appellata, li sahansitra kellha *store* fuq il-lant tax-xoghol li kien munit bis-slielem. Ghalkemm l-appellant kien haddiem tas-sengha li ma kienx jehtieg struzzjonijiet partikolari dwar il-mansjonijiet tieghu, u li seta' jaqdi l-mansjonijiet assenjati lilu wahdu, huwa minn rajh iddecieda li juza sellum tal-lukanda li qies bhala adegwat ghall-mansjonijiet li huwa kellu jwettaq.

17. Kwindi s-socjetà appellata Panta Contracting Limited tpoggi f'dubju l-ilment tal-appellant li hija ma pprovditx *a safe system of work* peress li kien hu minn jeddu li ddecieda li juza sellum li ma giex ipprovdut minnha u dan minghajr l-gharfien taghha. Hija ssostni li n-negligenza ma tirrizultax biss meta persuna taghmel xi haga bi traskuragni, izda wkoll meta tonqos milli tiehu l-kawteli opportuni u mehtiega fic-cirkostanzi, bhal meta l-appellant ghazel li juza sellum li ma kienx adegwat bhal dawk li tqieghdu a dispozizzjoni tieghu minnha. Ghalhekk tishaq li r-responsabbiltà tal-imghallem mhix wahda li bilfors tintrabat mieghu awtomatikament ghal kull incident li jgarrab impjegat, peress li r-responsabbiltà mhix oghla minn dik ta' ghaqal ta' hsieb ta' missier tajjeb ta' familja u tista' sahansitra tixxejjen kemm-il darba l-impjegat innifsu

jkun traskurat jew sahansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jaghmel. Hija tikkontendi li filwaqt li l-aggravju wahdieni tal-appellant ma jisthoqqlux li jintlaqa' fil-konfront taghha u ghandu jigi michud, tirrileva wkoll li l-fatt li s-socjetà appellata l-ohra ma timpjegax lill-appellant, ma jehlishiex mid-dmir impost fuqha bil-ligi, li tipprovdi ambjent sigur ghal kull min izur l-azjenda sew b'mod okkazzjonali, kif ukoll regolarment. Tikkontendi li din is-socjetà appellata l-ohra kellha obbligu li taghmel dak kollu li hu ragonevolment possibbli sabiex telimina jew tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskji ghal min jahdem fl-ambjenti li jaqghu fil-kontroll taghha.

18. Permezz tar-risposta taghha, is-socjetà Golden Sands Resort Limited ittenni certi principji mressqa mis-socjetà appellata l-ohra, bhal dak li l-apprezzament maghmul mill-Qorti tal-ewwel grad m'ghandux jigi disturbat, u li kulhadd iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. Izda hija tirrileva wkoll is-segwenti:

(A) li mill-provi mressqa (i) l-attur appellant ma kienx impjegat taghha u (ii) li l-appellant kien qieghed jaghmel ix-xoghol fil-vesti tieghu ta' mpjegat tas-socjetà appellata l-ohra Panta Contracting Limited u (iii) l-impjegat taghha Mario Aquilina kien qieghed jakkumpanja lill-attur fil-kmamar li fihom kellu jwettaq spezzjoni, semplicement sabiex jivverifika li ma kienx hemm okkupanti fil-kmamar rispettivi tal-lukanda u jipprovdilu access.

(B) Skont il-kuntratt ta' appalt bejn is-socjetajiet konvenuti appellati, il-konvenuta appellata l-ohra Panta Contracting Limited kienet espressament assumiet ir-responsabbiltà shiha u assoluta tal-haddiema taghha w is-sigurtà taghhom u ssir referenza ghall-klawsoli kuntrattwali estratti mill-istess kuntratt ta' appalt.

(C) Tirrileva whud mill-aspetti tan-nuqqasijiet tas-socjetà konvenuta l-ohra li timpjega lill-attur (i) li meta wegga' ma kienx qieghed jaghmel xoghol li normalment jaghmel u (ii) ghalkemm Panta Contracting Limited kienet organizzat xi laqghat ta' tahrig specjalizzat fuq sahha u sigurtà fuq il-post tax-xoghol ghall-uhud mill-impjegati taghha, l-attur xehed li huwa ma nghata ebda tahrig simili.

(D) L-incident ma sehhx minhabba xi nuqqas jew perikolu fl-ambjenti *per se,* peress li l-post ma kienx ghadu fi stadju ta' kostruzzjoni, izda kienet is-socjetà Panta Contracting Limited li kienet tenuta u fil-fatt ipprovdiet l-attrezzatura mehtiega. Kien l-ghazz tal-impjegat li wassal ghall-incident meta ddecieda juza sellum intiz ghall-uzu domestiku minflok wiehed *heavy duty.*

(E) Fi kwalunkwe kaz, hija ma kellha l-ebda ndikazzjoni li s-sellum in kwistjoni ma kienx addattat ghall-iskop li kien mixtri jew li seta' kien

difettuz u dan kif jixhed l-istess attur, kif ukoll ix-xhud Mario Aquilina. Dan apparti li, l-imsemmi sellum li nxtara minnha ftit gimghat qabel l-incident, flimkien ma' bosta ohrajn li baqghu jintuzaw bosta snin wara l-incident in kwistjoni u ghalhekk hija m'ghandhiex tirrispondi ghad-danni mitluba.

(F) Apparti r-responsabbiltà kuntrattwali assunta mis-socjetà Panta Contracting Limited rizultanti mill-kuntratt ta' appalt, li kieku wiehed kellu jirriskontra xi nuqqasijiet jew traskuragni dwar l-incident, dawn jistghu jiskaturixxu biss (I) mir-responsabbiltà ta' Panta Contracting Limited li thaddem lill-attur bhala l-impjegat taghha jew (II) min-nuqqasijiet attribwibbli lill-attur innifsu peress li ghalkemm kien konxju li min ihaddmu pprovda slielem li fi kliemu stess kienu aktar ta' natura *heavy duty* minn dak attwalment maghzul minnu, l-attur liberalment ghazel li ma jmurx ghalih sabiex jiffranka li joqghod jinzel erba' sulari ghalih. Ghalhekk issostni li ebda nuqqas ma jista' jigi attribwit lilha.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

19. Ghandu jinghad mal-ewwel li, kif gustament osservat mis-socjetajiet konvenuti appellati, meta jitqajjem aggravju li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn Qorti tal-ewwel grad, ghalkemm din il-Qorti ghandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'ghandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm ragunijiet tabilhaqq serji biex taghmel

dan. Il-funzjoni ta' revizjoni li trid taghmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, bhallikieku ma sar xejn. Ghall-kuntrarju, jekk jirrizulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wiehed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sintezi tar-ragunament mibni fuq dawk il-provi u t-thaddim xieraq tal-ligi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. Madankollu, kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Cardona sive Leslie et v. Massimo Zahra et**:

> *"… din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha[1]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti"[2].*

[1] *App. Ċiv. 26.1.2018 fil-kawża fl-ismijiet Josephine Aġius v. Pius Theuma*

[2] App. Ċiv. 14.12.2018 fil-kawża fl-ismijiet *Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.*

Fil-verità, fil-kaz in ezami, l-ewwel Qorti li tat is-sentenza appellata ma semghetx ix-xhieda hija stess, peress li x-xhieda ngabret quddiem l-assistenta gudizzjarja. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti hija obbligata li tixtarr mill-gdid il-provi in atti.

20. L-azzjoni attrici hija wahda ta' danni, imsejsa fuq il-principju ta' *culpa akwiljana* fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti. Din il-materja tinsab trattata fit-titolu "**Fuq id-delitti u l-Kwazi-Delitti**" fl-Artikoli 1029 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn is-sens ewlieni hu li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Artikolu 1031) meta jirrizulta li fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032) jew li jkun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi (Artikolu 1033). F'dan l-ahhar kaz, jinghad ukoll li d-dannegjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li:

> "*quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit*".
>
> "(**Giorgi - Obbligazioni** Vol V pag 151).

21. Fejn jidhlu incidenti fuq il-post tax-xoghol, meta persuna tkorri waqt li tkun qieghda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li gara xorta taqa' fuq min ikun wegga' (l-attur). Il-fatt wahdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xoghol, ma jfissirx li min ihaddem ghandu

bilfors igorr ir-responsabbiltà ghal dak li gara, jew li l-persuna li korriet tehles mill-htiega li tipprova l-allegazzjoni taghha. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjetà appellata Pantar Contracting Limited li f'dan il-kamp m'ghandux jigi adoperat il-kuncett ta' *strict liability.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Felix Xerri v. Beechwood Limited**.) Dana peress li, il-principju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li jrid jipprova l-attur appellant, huwa n-ness li dak li sehh, kien konsegwenza ta' xi agir jew xi nuqqas ta' min ihaddem jew tas-socjetà li kien qieghed jahdem fil-proprjetà taghha u li dak li gara ma jkunx konsegwenza ta' agir jew nuqqas tieghu stess.

22. Tajjeb tigi enfasizzata r-regola generali f'dan il-qasam li, min ihaddem irid jipprovdi a *safe system of work.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et**). Hemm grad gholi ta' responsabbiltà fuq min ihaddem, tant li da parti tieghu ghandu jipprova li l-incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Fil-verità, fil-qasam tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, tapplika wkoll ligi specjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min ihaddem, kif ukoll tal-haddiem (Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol – Kap. 424). Fost id-dmirijiet li l-ligi titfa' fuq min ihaddem insibu l-piz li jiehu l-mizuri xierqa sabiex jigu identifikati u evalwati r-riskji, kif ukoll li jittiehdu l-mizuri mehtiega li jitnaqqsu dawk

ir-riskji (Artikolu 6 (2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-ghoti tat-taghrif, taghlim u tahrig mehtieg, kif ukoll supervizjoni sabiex tithares is-sahha u s-sigurtà tal-haddiem (Artikolu 6 (3) tal-Kap. 424).

23. Min-naha l-ohra, il-grad gholi ta' responsabbiltà ta' min ihaddem, ma jehlisx lill-haddiem mill-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu u ta' dawk kollha li jistghu jintlaqtu mix-xoghol li jkun qieghed iwettaq (Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min ihaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li haddiem ghandu jzomm lura milli jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih ghal riskju bla bzonn u li joqghod attent ghal dak li jkun qieghed jaghmel. Huwa ritenut li haddiem li jonqos milli joqghod ghall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew ghall-prekawzjonijiet li jkun fetahlu ghajnejh ghalihom min ihaddem, ghandu jbati l-konsegwenzi li jgarrab. Hekk inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Peter Ronald v. Polibon Construction Limited:**

> "*Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jipprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom.*
>
> *"…*
>
> *"L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad oghla, u la darba jirrizulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet inghatat l-ordni specifika biex ma jigux*

> *ezegwiti dawk ix-xoghlijiet li eventwalment wasslu ghall-incident, l-istess socjeta` konvenuta issodisfat dan l-obbligu taghha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli ghall-akkadut billi l-attur iddizobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xoghol tieghu.”*

24. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, mill-provi in atti jirrizulta li, ghalkemm huwa minnu li s-socjetà appellata Panta Contracting Limited kienet ipprovdiet tahrig ta’ sahha u sigurtà fuq il-post tax-xoghol ghall-haddiema taghha proprju fil-lukanda, il-lant tax-xoghol fejn kellha kuntratt ta’ appalt, l-attur appellant xehed li ghal xi raguni huwa ma nghatax dan it-tahrig. (Ara xhieda in kontro-ezami ta’ Geoffrey Tanti a fol. 171 tal-process). Inoltre, ghalkemm is-socjetà Panta Contracting Limited tikkontendi li kellha bosta mpjegati nkarigati mis-supervizjoni tal-haddiema taghha, fl-istess nifs hija tikkontendi li l-attur ma kellux bzonn sorveljanza, kemm minhabba l-esperjenza li kellu, kif ukoll peress li n-natura ta’ xoghol li kien qieghed iwettaq ma kienx jehtieg sorveljanza. Madankollu, din il-Qorti ma tqisx dan ir-ragunament tas-socjetà Panta Contracting Limited bhala wiehed validu, kemm peress li ma jirrizultax li kien hemm sorveljar effettiv fuq il-lant tax-xoghol, tant hu hekk li l-post fejn sehh l-incident tal-attur kienet il-hames kamra li huwa hadem fiha tul dik il-gurnata, minghajr ma hadd kien ghad ittawwallu jew gibidlu l-attenzjoni ghal xi nuqqas, kif ukoll jirrizulta li ghalkemm l-attur kellu esperjenza twila ta’ xoghol mas-socjetà konvenuta, ma tantx kien midhla ta’ dan it-tip ta’ xoghol assenjat lilu. (Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-attur a fol. 122 tal-process). Kif inghad fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-

Qorti Civili tad-9 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alfred Mizzi & Sons Marketing Limited,** min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu (Ara **Cini v. Wells *noe***, deciza wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju, 2001), u jrid jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mistharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandu ragun l-attur appellant jilmenta dwar l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward tar-responsabbiltà almenu parzjali tas-socjetà Panta Contracting Limited.

25. Madankollu l-ligi trid li fejn il-parti danneggjata tkun hija stess li kkontribwiet ghad-danni b'nuqqas ta' prudenza jew ta' hsieb, jew kellha sehem ghal dik il-hsara li hija garrbet, il-Qorti hija moghtija diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat lok ghal dik il-hsara li hija batiet. Dan igib mieghu tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun dovut lill-impjegat li huwa stess ikun ikkontribwixxa ghal dak li gralu. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et:**

> "Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Sammut v. Clamus Holding Limited (27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom pjenament;

"*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il- ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

"*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ- ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu,* ***jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;"***

"Jinsab affermat illi "*meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu" (Joseph Galdes v. Victor Micallef, Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, a Vol. XLVIII P I p 59); (David Scerri v. Anthony Scerri et, 3 ta' Ottubru 2003, Prim'Awla).*

"*F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment." (Ara Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (Fenech v. Montebello, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003)."*

(enfasi ta' din il-Qorti).

26. Applikati dawn il-principjì ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ssib li r-ragunament tas-socjetajiet appellati mressaq fir-risposti taghhom fil-konfront tal-kontributorjeta` tal-attur appellant, ghandhom mis-sewwa. Dan peress li ghalkemm is-socjetà Panta Contracting Limited kellha *store* fuq is-sit tal-lukanda sabiex tipprovdi lill-impjegati taghha bit-taghmir prottettiv kollu mehtieg, inkluz attrezzaturi bhal slielem li huma ta' natura industrijali, sabiex jifilhu ghas-strapazz li jgib mieghu x-xoghol fil-qasam infrastrutturali, l-attur appellant, ghazel li ma jmurx igib sellum addattat sabiex iwettaq xoghlu. Dan jinghad *ex admissis* mill-attur appellant (fol.170) meta jispjega li filwaqt li s-sellum tal-lukanda kien wiehed tal-aluminju li aktar jintuza ghal uzu domestiku, is-slielem tas-socjetà Panta huma aktar tat-tip *heavy duty.* Dan seta' jigi konstatat mill-istess attur kemm mill-apparenza tas-sellum, kif ukoll mit-toqol tieghu. L-attur izda rraguna li peress li kien qieghed jahdem fuq il-madum u mhux fuq it-turbanazz, seta' jaghmel uzu minn dak is-sellum peress li kien jidher addattat.

27. L-attur jiddeskrivi dan is-sellum bhala li "*kien jidher uzat, izda zgur li ma kienx antik hafna. Kien sellum illi ma' l-apparenza kien jidher li kien jiflah ghax-xoghol li kelli nwettaq f'dawk il-kmamar.*" Madankollu huwa ritenut li mpjegat bhalma kien l-attur, li kellu certu esperjenza fuq siti ta' kostruzzjoni messu kien aktar ghaqli. Dan peress li sellum ta' natura

industrijali normalment ikun mghammar b'indikazzjoni tal-piz li jiflah, kif ukoll ikun jiflah aktar ghal certu xoghol ta' strapazz, ghalhekk fi kliem l-istess attur jissejjah tat-tip *heavy duty*, mentri sellum li fi kliem l-istess attur, mal-apparenza tieghu kien wiehed aktar indikat ghal uzu domestiku, ma kienx idoneju ghat-tip ta' xoghol imwettaq mill-istess attur. Huwa meqjus li meta mpjegat jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li l-hila tieghu u s-sengha fix-xoghol li jkun tqabbad jaghmel imisshom inebbhuh li jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda bis-sens komun u jqieghed lilu nnifsu fil-perikolu, jew hsara ghalih innifsu, ghandu jwiegeb huwa wkoll ghal-hsara li jkun garrab. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Micallef et v. John Pisani noe *et noe***). Isegwi li tirrizulta l-kontributorjetà tal-attur appellant ghall-incident li huwa garrab u ghandu jittiehed qies ta' dan il-fattur meta ssir il-likwidazzjoni tad-danni.

28. Jonqos li tigi trattata r-responsabbiltà o meno tas-socjetà konvenuta Golden Sands Resort Limited. Huwa minnu li l-attur ma kienx impjegat taghha, in kwantu l-attur kien impjegat u kellu relazzjoni kuntrattwali ta' impjieg mas-socjetà konvenuta l-ohra Panta Contracting Limited. Mhux kontestat lanqas li kien jezisti kuntratt ta' appalt bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti, li madankollu ma ghandu l-ebda rabta fil-konfront tal-attur li ma kienx parti mill-imsemmi ftehim. Barra minn hekk, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Ottubru, 2015,

fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Mizzi v. Sullivan Martime Limited et,** gialdarba s-socjetà Golden Sands Resort Limited talbet li jsir ix-xoghol fl-ambjent tal-lukanda, hija tidhol responsabbli sabiex tara li l-haddiema li ser jaghmlu x-xoghol inkarigat minnha, ma jkunux f'riskju ta' hsara. Hekk ukoll kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-10 ta' Lulju, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Benjamin Sammut v. Meli Bugeja Company Limited,** ir-responsabbiltà ghal incidenti fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddmu. Meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol, dan ghandu d-dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew, ghall-inqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent. Il-kriterju ghalhekk, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol.

29. Issa ghalkemm tassew jezisti kunflitt fil-verzjonijiet moghtija dwar is-sellum li ntuza mill-attur qabel ma sehh l-incident, din il-Qorti tqis relevanti li x-xhud Mario Aquilina, impjegat mas-socjetà konvenuta Golden Sands Resort Limited fl-affidavit tieghu originarjament xehed hekk: *"Dan is-sellum konna* ***gibnieh*** *mil-Lukanda (Golden Sands), u kien wiehed minn taghna tal-maintenance konna komunement nuzaw ghall-affarijiet ta' manutenzjoni ta' kuljum…s-sellum in kwistjoni ma kienx wiehed antik, izda kien wiehed illi jidher pjuttost gdid. Dan kien sellum li*

*jinfetah fi tnejn u kien tal-aluminium u fil-parti ta' fuq tieghu, jinghalaq bi platform fejn tista' tpoggi saqajk."* Mentri in kontro-ezami, dan ix-xhud jghid li dan is-sellum kien fil-kuridur tal-lukanda u kien jintuza kemm mill-haddiema tal-Golden Sands, kif ukoll mill-*cleaners,* izda mbaghad qal li kien l-attur stess li qabad u mar gab dan is-sellum sabiex juzah (fol. 152,153). Din il-Qorti ma tqisx din l-ahhar verzjoni ta' Aquilina verosimili peress li fl-ewwel lok issibha difficli temmen li s-sellum thalla fil-kuridur ta' lukanda ta' dak il-livell li kellha r-residenti fiha, kif ukoll aktar tqis verosimili li kien l-istess Aquilina bhala mpjegat tal-lukanda li offra l-uzu tas-sellum lill-attur milli l-attur jaqbad u jmur jiehdu.

30. Kif inghad drabi ohra, huwa obbligu ta' min ihaddem li perjodikament jara li kondizzjonijiet tal-attrezzi, apparat, makkinarju, u l-oggetti li jkunu ser jigu uzati mill-haddiema, jew li jkunu ser jahdmu fuqhom, ikunu fi stat tajjeb u ma jkunux ta' perikolu ghall-istess haddiema u dan ghaliex jekk ma jsirx dan, huwa naturali u facli li jesponu lill-istess impjegati ghall-incidenti li setghu jigu evitati kieku ma kienx hemm tali negligenza ta' min ihaddem li jara li l-addetti tieghu jkunu qed jahdmu f'ambjent li wiehed ragonevolment kellu jqis li hu sikur. Issa ghalkemm jidher li hemm qbil li dan is-sellum ma kienx xi wiehed qadim, izda pjuttost gdid, din il-Qorti ma tqisx xieraq il-fatt li, sellum li kien aktar intiz ghal uzu domestiku, ikun disponibbli ghall-haddiema tal-istess lukanda ghal skopijiet ta' manutenzjoni. Ladarba l-kriterji ghall-uzu huma al kwantu

differenti, kien jehtieg li jsir assessjar tas-sellum, in kwantu l-piz u l-istrapazz li kien jiflah.

31. Tant hu hekk, li mix-xhieda tal-istess Mario Aquilina jirrizulta li: *"…innutajt li s-sellum li konna qed nuzaw – u li kien dak il-hin ma' l-art u miftuh berah – kellu l-brackets tal-gnub imqacctin."* Kif ukoll, in kontro-ezami jghid: *"nghid li c-cappetti tqacctu mir-rivits u ghalhekk fil-fatt imbaghad infetah is-sellum.".* Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti, jew is-sellum ma kienx adattat ghal certu piz jew is-strapazz li jgib mieghu x-xoghol manwali wassal ghall-kaz fejn is-sellum infetah. Ghalhekk isir aktar relevanti l-obbligu tas-socjetà konvenuta Golden Sands Resort Limited li jkollha sistema ta' assessjar tad-diversi htigijiet ta' haddiema differenti, in kwantu l-attrezzar mehtieg ghal xoghlijiet differenti, jista' jvarja. Meta Kevin Cassar in rapprezentanza tal-istess socjetà konvenuta xehed li s-slielem kienu nxtraw *off the shelve* u mhux immanifatturati apposta ghalihom, ma nghatawx dettalji tal-kriterji tal-ghazla tal-imsemmi sellum. Wisq anqas irrizulta li kien hemm xi sistema li dawn l-attrezzi jigu ccekkjati perjodikament. Huwa veru li jirrizulta li dan is-sellum kien pjuttost gdid, izda fl-ahhar mill-ahhar ladarba l-haddiema tal-lukanda kienu qeghdin jaghmlu uzu minn dan is-sellum, kif ukoll haddiema ohra li kienu qeghdin jahdmu fl-ambjent tal-lukanda, kien jispetta lis-socjetà konvenuta Golden Sands Resort Limited li taghmel il-verifiki mehtiega

dwar l-istat tas-sellum u ghal liema tip ta' xoghlijiet l-uzu tieghu kien xieraq jew limitazzjonijiet ohra dettati minn min immanifatturah.

32. Wara kollox, ir-regolament numru 10 tal-L.S. 424.18 jipprovdi wkoll li:

> *"10.(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull min ihaddem u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija ta' l-impriza:"*

Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawza fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et.** Kwindi s-socjetà konvenuta li tiggestixxi l-lukanda u kienet tilqa' fiha lil diversi haddiema, inkluz l-attur, xorta kellha obbligi legali fil-konfront tieghu li toffri ambjent sigur. Isegwi li s-socjetà Golden Sands Resort Limited wkoll ghandha ggorr parti mir-responsabbiltà ghal dak li sehh.

33. Il-Qorti hija tal-fehma li l-htija ghall-incident ghandha tinqasam bejn il-kontendenti kollha fil-kawza, fis-sehem ta' terz kull wiehed, billi kull wiehed minnhom kellu sehem ghall-incident tad-29 ta' Settembru, 2005, li fih korra l-attur.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn spjegati, tiddisponi mill-appell tal-attur appellant, billi tilqa' l-aggravju tieghu u ghalhekk thassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Novembru, 2015, fl-ismijiet premessi, sabiex filwaqt li ssib lis-socjetàjiet konvenuti in parti responsabbli ghall-incident in kwistjoni, fejn l-attur garrab dizabilità permanenti fis-sehem ta' terz kull wiehed; tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex jigu likwidati d-danni dovuti lill-attur

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu in kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-attur appellant, terz ($^{1}/_{3}$) mis-socjetà konvenuta appellata Panta Contracting Limited u terz ($^{1}/_{3}$) mis-socjetà konvenuta appellata Golden Sands Resort Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm